# EPIGRAMMI

*Ta'* ANTON BUTTIGIEG

### IL-HANUT TAL-GHAMARA

Għamara ġdida għall-bejgħ, u tfajla ħelwa
għassa tal-bieb; in-nies għaddejja qajla:
in-nisa jħarsu kollha lej' l-għamara,
l-irġiel iħarsu kollha lejn it-tfajla.

### LIX-XITWA

Tgħaqqad l-għadajjar, tħoll is-sħab fix-xita,
u tqaċċat il-ballut fil-boskijiet;
'mma b'saħħtek kollha qatt ma ġgħelt lin-nisa
jgħattu daħarhom waqt il-ballijiet.

### TLIET ARPJI

Tliet aħwa, tliet xebbiet, it-tlieta mxennqa
sabiex jiżżewġu, u kollu għal ta' xejn;
kuli x'ħin ïgħaddi minn ħdejn tagħhom
jekluh u jqattgħuh bċejjeċ b'sitt għajnejn.

### IL-KANARIN

Ommu u missieru, ir-razza u r-radika
għaxu fil-jasar wara l-buttafora;
U llum għall-kanarin li dara l-jasar
x'inhija l-libertà fejn ftit skalora?

### IL-LIBSA L-GDIDA

Kif kienet Strada Rjali l-knisja daħlet,
skullata sew u bil-kmiem imqaċċtin;
kulħadd kien raħa b'dik il-libsa l-ġdida:
kien fadal biss jaraha Sant'Antnin.

### L-IMHALLEF U L-KENNIES

L-imħallef u l-kennies kienu kuġini;
nafuh mhux għax l-imħallef qal man-nies,
imma għax f'kull triq li jiknes u f'kull pjazza
sejjer dejjem jiftaħar il-kennies.